MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 254/2007

**Il-Pulizija**

**v**

**J.R.**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra J.R. talli nhar is-Sibt 16.12.2006 ghall-habta tad-9.00 am fir-Rabat Ghawdex, minkejja li kienet ordnata mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, b'digriet 27/2006 datat 28 ta' Lulju 2006 u rikors Nru 14/2006 datat 7 ta' Dcembru 2006 sabiex taghti access ta' uliedha N. u M. li qeghdin fil-kustodja taghha lil zewgha Dr M.R., , irrifjutat li taghmel dan minghajr raguni xierqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-5 ta' Gunju 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-

imsemmija J.R. hatja skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra taghha u kkundannatha gimghatejn detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija J.R., minnha pprezentat fit-22 ta' Gunju 2007, li permezz tieghu talbet ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew alternattivament ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; rat id-digriet taghha tad-19 ta' Lulju 2007 li permezz tieghu gie nominat Dott. Joseph Vella Baldacchino bhala perit psikjatra; semghet lill-imsemmi psikjatra jixhed u jahlef ir-relazzjoni tieghu maghmula bil-miktub fl-udjenza tal-10 ta' Settembru 2007; rat il-verbal registrat fl-imsemmija udjenza tal-10 ta' Settembru 2007 li permezz tieghu il-prosekuzzjoni u d-difiza qablu lis-sentenza tinghata f'udjenza mizmuma Malta flok Ghawdex;

Ikkunsidrat:

Illi kemm mir-rapport peritali kif ukoll mid-deposizzjoni tal-imsemmi perit psikjatra jirrizulta car li fiz-zmien indikat fl-imputazzjoni l-appellanti kienet, minhabba mard mentali klinikament riskontrabbli, priva mill-kapacita` tal-ghazla, b'mod ghalhekk li legalment kienet fi stat ta' genn fis-sens tal-Artikolu 33(a) tal-Kodici Kriminali.

Konsegewntement din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost billi, filwaqt li thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti mhux hatja sond l-imputazzjoni dedotta kontra taghha minhabba stat ta' genn fiz-zmien tar-reat u, wara li rat l-Artkoli 525(3) u 623(1) tal-Kodici Kriminali, tordna li l-imsemmija J.R. tinzamm taht kustodja fl-Isptar Monte Karmelu biex hemmhekk tibqa' taht kustodja u mizmuma skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar is-Sahha Mentali jew kull disposizzjoni ohra ta' ligi jew legislazzjoni applikabbli ghall-kaz. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih notifikata mir-Registratur tal-Qrati ta' Ghawdex lis-Supretendent ta' l-imsemmi sptar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------